**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru : 225/2020 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**AV**

**Vs**

**RR**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AV, datat 21 ta' Lulju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata nhar id-9 t'Ottubru 2010, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok A;*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;*

*Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati legalment sa mid-29 ta' Jannar 2015, skond ma jidher mill-kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni personali hawn anness, esebita u mmarkata bhala Dok B, b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-*

*partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta' l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi skond il-Kuntratt ta' Separazzjoni Personali taghhom (Dok B), il-partijiet irrevokaw ghal kwalunkwe jedd ta' manteniment minghand xulxin;*

*Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi prnunzjat il-hall taz-zwieg.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar id-9 ta' Ottubru 2010, ai termini ta' l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet sabiex dana jigi reġistrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RR, datata 7 t'Awwissu 2020 li taqra hekk: (Vide Fol 13)

*Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors ghall-hall taz-zwieg fl-ismijiet fuq premessi prezentat fl-4 t'Awwissu 2020 u konformement mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-24 ta' Lulju 2020 qieghda tressaq l-odjerna risposta, kif gej:*

1. *Illi l-esponenti taqbel mal-premessi esposti mir-rikorrenti;*

2. *Illi l-esponenti taqbel mat-talbiet tal-attur;*

3. *Illi fir-rigward tal-kap tal-ispejjez, l-esponenti m'ghandhiex tbati spejjez stante li hi taqbel mat-talba attrici u kieku dan infurmaha li kien behsiebu jmexxi*

*b'dawn il-proceduri, seta' jsir rikors kongunt b'anqas spejjez u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu akkollati lilu;*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi f'seduta stante l-intimata oggezzjonat ghall-ispejjes ta' dawn il-proceduri u talbet lil din il-Qorti sabiex l-istess spejjes ikunu a karigu tal-attur. (vide verbal datat 26 ta' Novembru 2020, fol 17); Rat illi l-attur fl-istess seduta ippropona illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**RR xehdet** (vide affidavit a fol 14) illi hi zzewget lil AV fl-2010 u li dan iz-zwieg insinwat bin-numru 1734 tas-sena 2010 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Tabone datat 29 ta' Jannar 2015. Illi skond il-kuntratt huma rrinunzjaw reciprokament mid-dritt ta' manteniment u ghalhekk ma hemm ebda arretrati ta' manteniment bejn il-partijiet. Sostniet illi ilhom jghixu separati ghal iktar minn hames snin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal-rikonciljazzjoni u li fil-fehma taghha d-divorzju huwa fl-interess tal-konjugi. Finalment ddikjarat illi hi saret taf b'dawn il-proceduri meta giet notifikata bl-att promotur,u li kieku kienet taf bl-intenzjoni tal-attur, dawn il-proceduri setghu jsiru b'mod kongunt b'anqas spejjes.

**AV xehed** (vide affidavit a fol 15) li huma zzewwgu fis-sena 2010 u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 29 ta' Jannar 2015. Sostna illi ma kienx hemm tfal bejn il-partijiet u li ma hemmx arretrati ta' manteniment stante li fil-kuntratt ta' separazzjoni ma hemm ebda obbligu ta' manteniment versu xulxin. Di piu' huwa sostna illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni u dana peress li ilhom jghixu hajja separata minn xulxin ghal iktar minn 5 snin.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 t'Ottubru 2010 li ghandu certifikat bin-numru 1976/2010 (Vide fol 3) u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Il-partijiet kienu rrinunzjaw ghal kwalunwe jedd ta' manteniment kontra xulxin u ghalhekk ma

ebda manteniment dovut;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt personali fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, datat 29 ta' Jannar 2015 (vide fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja bejn il-partijiet il-hall taz-zwieg li ghandu c-certifikat bin-numru 1976/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes a karigu tal-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**